MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1556/2010

**Brian Cremona**
**I.D.333276-(M)**

**vs**

**Panelpix Limited**
**C-36956**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi dahal fi ftehim mas-Socjeta' konvenuta fuq negozju ta' billboards. Illi l-attur biegh in-negozju tieghu ta' billboards fejn is-Socjeta' konvenuta accettat tixtri tali negozju; illi s-Socjeta' konvenuta naqset milli thallas l-ahhar pagamenti bilancjali taghha fl-ammont ta' elfejn sitt mija tnejn u sebghin Ewro (€2,672.00), li kellhom jithallsu sal-1 ta' Dicembru 2009 liema Socjeta' konvenuta naqset milli taghmel dan; illi ghalhekk l-attur qieghed jitlob il-hlas ta'

elfejn sitt mija tnejn u sebghin Ewro (€2,672.00) oltre l-imghax legali kummercjali mill-1 ta' Dicembru 2009 sal-pagament effettiv.

Is-Socjeta' konvenuta hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn sitt mija tnejn u sebghin Ewro (€2,672.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------